MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 342/2012

Il-Pulizija
(Spettur Johann Fenech)
vs
**Peter Argento**
iben Paul, imwieled Pieta' fil-15 ta' April, 1944, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 376444(M)
u
**Dale Argento**
iben Peter, imwieled Pieta' fis-17 ta' Ottubru, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 465187(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Peter Argento u Dale Argento, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

**Peter Argento,** wahdu, talli:

1. nhar it-8 ta' April, 2006, ghal habta tal-17.30hrs, fi Triq Benghajsa, Birzebbugia, waqt incident tat-traffiku bejn il-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni ALF837 u

EBA424, sabiex jipprova jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

2. fl-istess cirkostanzi, f'kull kaz iehor mhux imsemmi f'disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat;

3. ippermetta lil Dale Argento jsuq il-vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni EBA424 kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura minn dik il-persuna ma kinitx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

Lil **Dale Argento,** wahdu, talli:

4. fl-istess data, lok, u hin, saq il-vettura tal-marka Peugeot 306, bin-numru tar-registrazzjoni EBA424, u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura tal-marka Peugeot 307, bin-numru tar-registrazzjoni ALF837, u involontarjament ikkagunalha hsarat li jammontaw ghal iktar minn Lm100 ghad-detriment ta' Alfred Schembri minn Birzebbugia;

5. fl-istess data, lok, u hin, saq il-vettura tal-ghamla Peugeot 306, bin-numru tar-registrazzjoni EBA424, b'manjiera perikoluza u traskurata, u b'velocita' eccessiva;

6. fl-istess data, lok, u hin ghamel uzu mill-imsemmija vettura kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura ma kinitx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Gunju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 111 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil imputat **Peter Argento hati** talli (1) ipprova jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew

stqarrija falza jew ta taghrif falz; (2) talli fl-istess cirkostanzi, f'kull kaz iehor mhux imsemmi f'dispozizzjonijiet ohra ta dan il-Kodici, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat; (3) U aktar talli ppermetta lill-appellant Dale Argento jsuq il-vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni EB424 kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura minn dik il-persuna ma kinitx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Ikkundannat lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sena (1) sospiza ghal sentejn (2), sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur, kkundannatu ghal multa ta' €582.50 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mponiet fuqu interdizzjoni generali.

Illi bis-sentenza hawn fuq imsemmija l-Qorti dikjarat li **Dale Argento** mhux hati tar-raba' (4) u hames (5) akkuza filwaqt li sabitu hati tas-sitt (6) akkuza, ossia **li** fl-istess data, lok u hin, ghamel uzu tal-imsemmija vettura kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura ma kinitx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u kundannatu ghal multa ta' €582.50 u ghal sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Peter Argento u Dale Argento minnhom pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha :

(a) tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor Miriam Hayman tal-21 ta' Gunju, 2012 in kwantu sabet lil Peter Argento hati tat-tliet (3) akkuzi migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija; u

(b) tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor Miriam Hayman tal-21 ta' Gunju 2012 billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lil Dale Argento hati tar-raba' u l-hames akkuza u tirrevokaha in kwantu sabet lil Dale Argento hati tas-sitt (6) akkuza u konsegwentement tilliberah mill-piena nflitta fuq din l-akkuza u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza

appellata, l-appellanti jitolbu li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u applikazzjoni hazina tal-Ligi;

Illi minghajr preguddizju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa zzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz

A. Apprezzament hazina tal-fatti u Applikazzjoni hazina tal-ligi

1. Illi l-artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 jistipula illi:

*'Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa:*

*Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbilita ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla.*

*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wiehed intiz ghal xi awtorita' pubblika, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija li ma tkunx izjed minn sena jew multa.'*

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmelo Abdilla deciza nhar il-31 ta' Lulju,1997 per Onor. Imhallef V. Caruana Colombo, il-Qorti ta' l-Appell kien qalet illi wiehed mir-rekwiziti tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali ma huwiex li wiehed ikun realment akkwista xi vantagg, izda li d-dikjarazzjoni falza tkun saret bl-iskop li jigi miksub vantagg.

Illi stranament, fix-xhieda tal-Gwardjan Lokali GO 31 Stephen Cassar, li xehed fit-3 ta' Novembru 2007, dan qal illi

*' ... staqsejt ghax-xufiera u gew hdejja Peter Argento u s-Sur Schembri.'*

Illi minn qari akkurat tas-sentenza, jidher li l-Ewwel Qorti tat importanza hafna lix-xhieda ta' GO 31 Stephen Cassar u x-xhieda tieghu kienet determinanti fis-sejbien ta' htija.

Illi mir-rapport datat 8 ta' April tas-sena 2006 tal-gwardjani lokali Stephen Cassar u Philip Gauci, ezebit nhar it-30 ta' Novembru tas-sena 2007 hemm imnizzel is-segwenti:

*Meta Philip Gauci W455 saqsa min kienu is-sewwieqa tal-vetturi u is-sinjal tal-vettura EBA424 li kien Dale Argento ID 465187M ghamel sinjal li hu kien id-driver tal-vettura*[1].

Illi din l-istess stqarrija tindika illi l-wardens mill-ewwel gew indikati mill-imputat appellanti Dale Argento illi huwa kien qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBA424. Fil-fatt kienu il-wardens innifishom li naqsu milli jikkjarifikaw a tempo vergine mal-partijiet min minnhom kien verament qed isuq l-imsemmija vettura. Apparti dan, jirrizulta wkoll illi fl-istess rapport fl-ebda hin ma gie indikat jekk il-wardens staqsewx lill-partijiet min minnhom kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBA424. Dan jindika wkoll illi l-wardens konkludew ir-rapport taghhom a bazi ta l-assunzjoni li l-imputat appellanti Peter Argento kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBA424 u dan a tenur illi tali mistoqsijiet qatt ma gew imposti lill-partijiet.

Illi s-suspett ta' dikjarazzjoni falza da parti ta' Peter Argento ma taghmilx sens iktar u iktar minn analizi tar-rapport ta' l-istess wardens! Fl-istess rapport il-gwardjani jkomplu jiddikjaraw illi:
*'sa x'hin konna qeghdin niehdu ir-ritrotti wasal fuq il-post Mr. Peter Argento ID 376444M b'vettura ohra.'*
Illi dan il-fatt, li Peter Argento wasal fuq il-post, sehh wara li Dale Argento wiegeb lill-gwardjan lokali li kien hu s-

---

[1] *Vide* Rapport *tal-wardens* numru 30855 datat 8 ta' April tas-sena 2006, fol. 1, paragrafu 1.

sewwieq tal-vettura, kif hemm indikat iktar il-fuq fir-rapport.

IIli min naha l-ohra fir-rapport tal-Pulizija hemm imnizzel is-segwenti: .

*"Il-gwardjan kompla jistqarr li waqt li kien qed jiehu ir-rapport huwa staqsa lil Peter Argento min kien qed isuq il-karozza, u Peter wiegbu li hu kien qed isuq il-karozza u b'hekk komplew jimlew ir-rapport".* [2]

Illi din l-istess stqarrija tindika b'mod car u inekwivokabbli li entrambi r-rapporti u cioe' r-rapport mahrug mill-wardens u dak mahrug mill-Pulizija ma jikkorroborawx lil xulxin.

Illi fir-rapport tal-Pulizija hemm ukoll imnizzel is-segwenti: *Il-Pulizija tkellmet ma' Peter Argento fejn dan minn naha tieghu stqar illi huwa mar jassisti lit-tifel fuq il-kollizjoni u meta l-warden saqsa min kien ix-xuffier dan tfixxkel u stqarr illi huwa kien qed isuq, biss wara rrealizza li kien ha zball u informa lill-gwardjan sabiex jirrangaw id-dokumenti u l-gwardjan qallu li ma kienx jista' jaghmel dan.*[3]

Illi din l-istqarrija tindika wkoll illi apparti l-ammissjoni da parti ta l-imputat appellanti Dale Argento li huwa kien ghamel mal-wardens, l-istess wardens naqqsu milli jemendaw ir-rapport taghhom anke meta dawn sahansitra gew avvicinati mill-imputat appellant Peter Argento sabiex jirrangaw l-istess rapport. Anzi dehrilhom illi lilhom giet fornita dikjarazzjoni falza u allura hassew il-htiega li jaghmlu rapport kontra entrambi l-appellanti.

Illi r-riluttanza tal-wardens sabiex jemendaw ir-rapport taghhom ukoll temana mix-xhieda moghtija mill-Ispettur Johann Fenech meta qal is-segwenti:

---

[2] *Vide* Rapport tal-Pulizija numerat J/CI116/06 ezebit nhar it-30 ta' Novembru tas-sena 2007, fol . 1, paragrafu 1

[3] *Ibid,* fol. 1, paragrafu 2

*Dan Peter mar hemm hekk biex jara x'kellu t-tifel tieghu u meta l-warden staqsieh min kien ix-xufier taghha, dan tfixkel u qallu li x-xufier taghha kien hu. Jigifieri Peter u mhux Dale. Sussegwentement dan qal illi kien zbalja veru u nduna li kien ghamel zball. Qal lill-warden biex ibiddel id-dikjarazzjoni tieghu izda hu qallu le, qallu issa once illi dahlet u ktibtha d-dikjarazzjoni tieghek ma jiena ser inbiddel xejn.*[4]

Illi din l-istess xhieda ta' fatti ta' l-Ispettur Johann Fenech tikkorrobora perfettament max-xhieda moghtija minn PS 827 Edward Grech meta qal is-segwenti:

*" .... Peter qalli li hu mar jassisti lit-tifel fuq il-kollizjoni li kellu u meta l-wardens staqsa min hu x-xuffier, tant tfixkel u qal li hu kien qed isuq il-vettura. Biss wara rrealizza li kien zbalja u kien informa lill-gwardjan biex jirranga d-dokument. Dan il-gwardjan qallu li dawn l-affarijiet ma jistghux jsiru.*[5]

Illi entrambi x-xhieda juru b'mod car illi kienu l-wardens innfishom li ma riedux jemendaw tali rapport u mhux ghax lilhom giet fornita informazzjoni hazina. Infatti meta l-warden GO 31 Stephen Cassar kien mistoqsi x'gara wara li s-Sur Alfred Schembri kien infurmah illi Dale Argento kien qed isuq il-vettura li kellha numru ta registrazzjoni EBA424 u mhux Peter Argento, huwa wiegeb bis-segwenti:

*Imbaghad kif nehhejna l-vetturi min-nofs, tlabthom biex ninzlu l-ghassa ta' Birzebbuga.* [6]

Illi a contrario ta' dak li gie rrapurtat lill-Pulizija u cioe' li l-wardens kienu staqsew lill-partijiet prezenti fil-lok tal-

---

[4] *Vide* Traskrizzjoni tax-xhieda ta' I-Ispettur Johann Fenech tas-seduta tat-30 ta' Novembru tas-sena 2007

[5] *Vide* traskrizzjoni tax-xhieda ta' PS 827 ta' Edward Grech tas-seduta tat-30 ta' Novembru tas-sena 2007.

[6] Vide traskrizzjoni tax-xhieda ta' GO 31 Stephen Cassar tas-seduta tat-30 ta' Novembru, tas-sena2007

kollizjoni min minnhom kien qed isuq il-vetturi rispettivi, fix-xhieda tieghu, l-warden GO 31 Stephen Cassar naqas milli jsemmi meta u f'liema cirkostanza huma kienu ghamlu tali mistoqsija lill-imputati appellanti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena ta' prigunerija ta' sena (1) sospiza ghal sentejn (2), il-multa ta' €582.50, is-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur flimkien ma l-imponiment ta l-interdizzjoni generali fil-konfront ta’ Peter Argento, filwaqt illi l-piena ta' sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur flimkien mal-multa ta' €582.50 fil-konfront ta Dale Argento huma entrambi eccessivi u harxa zzejjed.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ser tiddisponi l-ewwel mill-appell ta’ **Dale Argento**. Illi l-appellant gie akkuzat li hu saq il-vettura hawn fuq indikata minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni. Illi mix-xhieda ta’ Paul Sciberras (fol. 59 et seq) jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet assikurata fid-data meta ssehh l-incident li ta bidu ghal din il-kawza. Kienet assikurata fuq il-persuna ta’ Peter Argento izda setghu isuqu din il-vettura l-persuni li kellhom aktar minn hamsa u ghoxrin sena. Fil-gurnata ta’ l-incident l-appellant Dale Argento ma kellhux hamsa u ghoxrin sena. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha stess fl-ismijiet: “Il-Pulizia v. Mirko Giannetti” fit-22 ta’ Jannar, 2014 u a bazi ta’ dik is-sentenza tiddikjara li kien hemm polza ta’ assikurazzjoni valida li tkopri l-vettura. Ghalhekk, l-appellant Dale Argento ma jistax jinstab hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi dwar l-appell ta’ **Peter Argento**, il-kosiderazzjonijiet segwenti japplikaw.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident tat-traffiku bejn vettura misjuqa minn Dale Argento u ohra misjuqa minn Alfred Schembri fid-data u fil-hin hawn fuq imsemmija. Ftit wara li ssehh l-incident marru fuq il-post zewg gwardjani lokali biex fil-prezenza tas-sewwieqa jaghmel l-iskizz ta’ l-incident u jiehdu l-versjonijiet taz-zewg sewwieqa. Wiehed kien GL31 Stephen Cassar waqt li t-tieni wiehed kien GL455 Philip Gauci li kien l-assistant ta’ GL31

Stephen Cassar. Mix-xhieda ta’ Stephen Cassar jirrizulta li meta beda jkellem lis-sewwieqa marru hdejh Peter Argento u Alfred Schembri. Billi Peter Argento kien qed ipejjep u is-sigaretti jaghtu fastdju lil Stephen Cassar, hu kellem l-ewwel lil Alfred Schembri li qallu li Dale Argento kien is-sewwieq u mhux Peter Argento. Fil-fatt, Peter Argento kien iffirma l-iskizz ta’ l-incident.

Illi min-naha tieghu GL455 Philip Gauci xehed li meta waslu fuq il-post huma sabu lil Dale Argento u lil Alfred Schembri. Dale Argento kkonferma li hu kien wiehed mis-sewwieqa. Hu xehed li wara li beda jiehu r-rapport GL31 Stephen Cassar qallu biex imorru l-ghassa ta’ Birzebbugia ghaliex kellu suspett ta’ rapport falz. Fil-fatt a fol 45 tal-process hemm stqarrija ffirmata miz-zewg gwardjani minn fejn jirrizulta li Dale Argento kien is-sewwieq ta’ vettura minnhom. Ghalhekk, jekk il-gwardjani kienu jafu min kienu s-sewwieqa hu ftit sorprendenti kif kellmu lil Peter Argento.

Illi fil-mori tal-kawza Alfred Schembri hallina ghal hajja ahjar qabel ma lahaq offra x-xhieda tieghu u ghalhekk l-ebda Qorti ma kellha l-opportunita’ li tisma l-versjoni tieghu.

Illi skont ix-xhieda ta’ PS827 Edward Grech, Peter Argento qallu li hu kien ghamel zball meta qal li hu kien qed isuq izda l-warden qallu li ma kienx ser ibiddel il-versjoni u ghalhekk kienu marru l-ghassa.

Illi hawnhekk, ma hemm ebda dubju li l-appellant Peter Argento iffirma d-dokument li gie ipprezentat lilu mill-warden. Hi haga ferm stramba li hu qabad u iffirma dan id-dokument u jghid li tfixkel. Mhemm ebda dubju li hu hekk biex isolvi l-problema assikurativ ta’ ibnu.

Illi fl-isfond ta’ dan kollu din il-Qorti mhiex ser tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti li waslet ghall-konkluzjoni ragonevoli u legali. Dan qed jinghad ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra l-appellant Peter Argento.

Illi ghal dak li jirrigwarda it-tielet akkuzi migjuba kontra tieghu din il-Qorti hi tal-fehma li l-provi prodotti mhumiex tali li jinducju ghal sejbien ta' htija. Hemm diskrepanza fix-xhieda prodotta li ghandha tmur favur l-appellant Peter Argento.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Dale Argento. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant Dale Argento minn kull imputazzjoni u piena. Fil-konfront ta' l-appellant Peter Argento tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra tieghu u thassarha u tirrevoka s-sentenza appellata dwar it-tielet akkuza. Dwar il-piena din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkundannatu ghal piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn u l-interdizzjoni generali ghal hames snin. Thassar u tirrevoka kemm il-multa nflitta kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------